**14 ta' Marzu, 1994**

***Imħallfin:-***

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmelo Borg *noe*

*versus*

Leonard Cuschieri.

## Rikonvenzjoni - Direttur.

***Ir-rikonvenzjoni għandha l-effett li tisposta kawża mill-Qorti ta' kompetenza ordinarja għal dik ta' Qorti speċjali bħal ma hija l-Qorti tal-Kummerċ. Huma f'dan ir-rigward rilevanti l-artikoli 743 u 744 tal-Kap. 12 għaliex dawn jikkontemplaw kif attur li normalment ma jkunx fiċ-ċirku ġurisdizzjonali tal-Qorti li jinvoka, meta jiġi rikonvenut (art. 743) u meta jkun hemm rikonvenzjoni, din tista', fil-każijiet kongruwi, tneżża l-kompetenza tal-Qorti oriġinali u tlibbisha lil Qorti oħra (art. 744)***

Il-Qorti: –

1. Iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, da parti tal-kumpanija attriċi, titlob il-kundanna tal-konvenut biex iħallas is-somma ta' elfejn u seba' mitt lira (LM2,700) bilanċ ta' prezz ta' xogħol u materjal ta' kostruzzjoni;

2. Fir-rikonvenzjoni li ppropona l-konvenut dan talab li l-kumpanija attriċi tiġi ddikjarata responsabbli għax-xogħol ħażin li għamlet; li jiġu llikwidati d-danni konsegwenzjali u dawn jitħallsu lill-konvenut flimkien mad-danni kkawżati mill-ħruġ inġust ta' mandati ta' impendiment ta' safar u ta' sekwestru, kif ukoll ta' penali li tispetta lill-konvenut skond l-art. 866 Kap.12;

3. Il-kumpanija rrespondiet billi eċċepiet preliminarjament l-inkompetenza ta' dik il-Qorti, billi hija soċjetà kummerċjali;

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta'Diċembru, 1990, fl-ismijiet "Raymond Calleja vs Donald Attard"

U tabilħaqq, fl-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti hemm ir-raġunijiet għaliex ir-rikonvenzjoni għandha l-effett li tisposta kawża mill-Qorti ta' kompetenza ordinarja għal dik ta' Qorti speċjali bħal ma hija l-Qorti tal-Kummerċ. Huma f'dan ir-rigward rilevanti l-artikoli 743 u 744 tal-Kap. 12 għaliex dawn jikkontemplaw kif attur li normalment ma jknux fiċ-ċirku ġurisdizzjonali tal-qorti li jinvoka, meta jiġi rikonvenut, (art. 743) u li meta jkun hemm rikonvenzjoni, din tista', fil-każijiet kongruwi, tneżżà l-kompetenza tal-Qorti oriġinali u tlibbisha lil Qorti oħra (art.744);

L-emendi ta' l-1980 (Att XXXI) li estendew l-istitut ta' rikonvenzjoni ma biddlux il-posizzjoni deskritta fil-paragrafu preċedenti;

Għal-dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda definittivament tiddeċidi li l-Qorti kompetenti biex issa tkompli tisma' l-kawża hija l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ u quddiemha għandhom jintbgħatu l-atti tal-kawża fiż-żmien stabbilit mil-liġi.